MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Avviz Numru. 1301/2000/1

**Allied Newspapers Limited**

**Vs**

**Via Holidays & Travel Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u tletin liri Maltin u ghoxrin centezmi(Lm334.20) mill-konvenut dovuti rapresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi riklami maghmula mis-socjeta' attrici fil-gazzetti 'The Times" u "The Sunday Times" fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-4 ta' Marzu, 1999 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti qatt ma talbu s-servizzi li ghalihom s-socjeta' attrici qeghda tippretendi l-hlas.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghall-hlas hija preskritta skond il-ligi.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti (fol 9 ibid) u l-lista tax-xhieda (fol 10 ibid) sottomessi mill-istess socjeta konvenuta.

Rat is-sentenza preliminari mghotija minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2004 (fol 47 et seq ibid) u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni, kif sottomessa mis-socjeta konvenuta.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensuri tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat

Illi Pierre Vella (fol 13 et seq ibid) bhala kontrollur finanzjarju tas-socjeta attrici xehed illi l-ammont imsemmi fl-avviz kien bilanc ta' somma akbar dovuta "… in konnessjoni ma avvizi li dehru …" fuq zewg gazzetti stampati u publikati mis-socjeta attrici. In konnessjoni ma dan il-punt, hu esebixxa prospett, in rigward l-istess avvizi, li "… baqghu ghaddejjin…" bejn l-1992 u l-1994 (ara fol 15 ibid).

Illi permezz ta' "affidavit" kongunt (fol 53 ibid) id-diretturi presenti tas-socjeta konvenuta cjoe Dr Anton Micallef u Dr Peter Micallef ssottomettew illi huma qatt ma ordnaw reklami skond kif hemm imnizzel fl-avviz in esami u ma kienx jafu b'xi hadd impjegat mal-istess socjeta li kien

ghamel tali ordni. Dan qaluli minn u a bazi ta' ricerki li saru mir-"records" tas-socjeta konvenuta.

In kontroesami (fol 58 u fol 66 et seq ibid) huma spjegaw illi fil-perjodu in kwistjoni risultanti mill-imsemmi prospett; huma ma kienux diretturi tas-socjeta konvenuta, u tennew illi ma sabu ebda dokumentazzjoni ta' kwalunkwe xorta dwar ir-reklami in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak premess specjalment il-prospett u l-kontenut tieghu jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm334.20 ossja €778.48 bl-imghax legali "a scaletta" mill-31 ta' Ottubru 1992, skond id-dokument a fol 15 tal-atti, sad-data tal-pgament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------